MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2007

Numru 4/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Victor Aquilina**
**v**

**PAUL ZAMMIT**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **PAUL ZAMMIT** ta’ erbghin sena bin Francis u Mary nee Pace, imwieled Pieta nhar s-sitta ta’ Frar 1967 u residenti 78, Triq il-Kbira, Hal Qormi, detentur ta’ karta ta’ identita’ bin-numru 67767M, gie imressaq quddiemha nhar s-sbatax ta’ Settembru 2007 w akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fis-sittax ta’ Settembru 2007, naqas li jhares l-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna b’digriet ta’ dik l-istess Qorti datat sitta w ghoxrin ta’ Settembru 1994 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-ligi, tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest tal-imsemmi Paul Zammit u tordna l-arrest mill-gdid tieghu kif stipulat fl-artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat datata sittax ta' Settembru 2007, l-fedina penali tal-istess imputat, l-estratt mic-certifikat tat-twelid tal-imputat kif wkoll kopja awtentikata tad-digriet u kondizzjonijiet tal-liberta provizorja moghtija lil imputat nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 1994 esibiti fl-atti bhala dokument CSH.

Semghet lil Alan Calleja jixhed ghan-nom u in rapprezentanza tad-Direttur tal-Qorti Kriminali jixhed u jghid illi l-imputat tressaq il-Qorti quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-sena 1994, u skond id-digriet minnu esebit jirrizulta li l-imputat inghata l-liberta provizorja taht numru ta' kundizzjonijiet fosthom illi huwa jirrinkaza ruhu fit-tmienja u nofs ta' fil-ghaxija u ma johrogx minn daru qabel id-disgha ta' filghodu. In oltre li huwa jiddeposita is-somma ta' erba' mitt lira (LM400) fir-Registru ta' din il-Qorti, oltre li ntrabat b'garanzija personali ta' sitt mitt lira Maltin (LM600).

Illi jirrizulta ghalhekk li l-imputat ilu marbut bil-kundizzjonijiet tad-digriet datat sitta w ghoxrin ta' Settembru 1994 fosthom dawk tal--hinijiet ta' rinkazar ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena.

Semghet lill-Avukat difensur jghid illi l-kawza odjerna u cioe fejn qed jigi akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja, ilha differita ghas-sentenza ghal dawn l-ahhar ghaxar snin u li l-imputat jidher il-Qorti ripetutament sabiex jinghata s-sentenza pero is-sentenza ma tinghatax ghal xi raguni jew ohra.

Semghet lill-imputat jammetti l-fatti tar-rikors u cioe li huwa nstab barra mninn daru ghall-habta tas-sitta ta'

filghodu pero ghalkemm zamm ferm ghad-drittijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali.

Rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li l-imputat diga instab hati f'diversi okkazjonijiet u cioe hmistax-il darba u dana fuq diversi akkuzi fejn inghata ukoll diversi sentenzi ta' prigunerija.

**Ikkunsidrat.**

Rat illi l-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li:

"*Kull persuna li tonqos milli thares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet taghha li biha taghti l-helsien mill-arrest that garanzija tkun hatja tar-reat jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sitt xhur jew ghal multa u prigunerija flimkien."*

Illi ghalhekk in vista ta' dak li gie verbalizzat mill-imputat u cioe li huwa qabel mal-fatti kif esposti mill-prosekuzzjoni il-Qorti ssibu hati ta' dan l-istess reat.

Illi l-artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li:-

"*Jekk l-imputat jew akkuzat jonqos li jidher ghall-ordni ta' l-awtorita imsemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kundizzjoni imposta mil-Qorti tid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, jew jinheba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun mehlus mill-arrest jikkometti delitt li ma jkunx ta' natura nvolontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja il-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew ta' xi persuna ohra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, u barra minn dan, jigi mahrug mandat t'arrest kontra tieghu."*

Rat illi pero l-provizo ta' dan l-istess artikolu jaghti diskrezzjoni lill-Qorti fis-sens li jekk l-Qorti tkun tal-fehma li l-ksur tal-kundizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja hija m'ghandhiex

tordna li is-somma imsemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta.

Rat ukoll illi l-prosekuzzjoni qed titlob ir-revoka mill-helsien tal-arrest kif dispost fl-artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali u tordna r-rearrest tal-imputat.

Rat is-sentenza msemmija mid-difiza fit-trattazzjoni taghha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Tony Armando Zahra datata tletin (30) ta’ Marzu 2007 deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fejn dik il-Qorti m’ordnatx ir-revoka tal-helsien mill-arrest ghaliex fil-fehma taghha l-ksur ma kienx wiehed ta’ konegwenza serja.

Illi f’din il-kawza il-Qorti rat ic-cirkostanzi u cioe li l-imputat ilu marbut bil-kundizzjoni ta’ rinkazar ghal zmien eccessiv u cioe ta’ tlettax-il sena u li ghaxra minnhom huma rizultat li ssenteza mill-Qorti m’inghatatx u ghalhekk zgur hija tal-fehma li c-cirkostanzi huma tenwi hafna u zgur li huma eccezzjonali u ghalhekk din il-Qorti mhiex tal-fehma li ghandha tirrevoka il-helsien mill-arrest u lanqas li tordna li l-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta. Illi pero ir-reat per se jirrizulta izda zgur li ma thossx illi ghandha tapplika piena karcerarja u dan ghaliex l-imputat ma jimmeritahiex zgur.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat PAUL ZAMMIT hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah ghal multa ta’ mitt lira Maltin (LM100).**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------